9 ta' Ottubru, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Guido Abela pr. et ne. *versus* Joseph Muscat et. ne.

**Bejgħ — Klawsola "As Soon As Possible" — Klawsola "Subject to any Contingency Beyond Control of Sellers" — Kostituzzjoni "in mora" — Art. 1173 §2 tal-Kodiċi Civili.**

*Il-klawsola "as soon as possible" fil-bejgħ, anki biż-żieda tal-klawsola l-oħra "subject to any contingency beyond control of the sellers", ma tfissirx illi x-xerrej huwa marbut indefinitivament għal kwalunkwe żmien, twil kemm ikun twil, iżda timporta l-fissazzjoni ta' dak it-terminu li jkun suffiċjenti u raġjonevoli biex skond iċ-ċirkustanzi l-venditur, u d-ditta li għandha tibgħat il-merkanzija, ikunu jistgħu jadempixxu l-obligazzjoni kuntrattata max-xerrej.*

*Imma billi dak it-terminu mhux preċiżat, teħtieġ dejjem il-kostituzzjoni tad-debitur ta' l-obligazzjoni "in mora" b'att ġudizzjarju, u xejn ma jiswew il-proteşti bil-fomm jew b'ittra privata.*

*Meta dik il-kostituzzjoni "in mora" tkun saret, il-Qorti għandha tara jekk kienx hemm żmien biżżejjed għall-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni, biex imbagħad tiddeċidi jekk il-parti l-oħra kellhiex dritt tinħall mill-ftehim.*

L-attur fit-taħrika qal illi bl-obligazzjoni meħmuża mat-taħrika (dok. A) il-konvenuti obligaw ruħhom li jixtru minn għand il-"Canadian Commercial Enterprises, Limited, Canada", li tagħha huwa aġent f'Malta l-attur, elfejn kaxxa Gilbey's Gin, bil-prezz li kellu jiġi finalment fissat mill-Board għall-Kontroll tal-Prezzijiet; u illi l-konvenuti, imħabba dewmien li mhux imputabili lid-ditta esportatriċi, iżda liċ-ċirkustanzi attwali ta' nuqqas ta' ċerti materji primi, irrifjutaw inġustament li jkomplu l-obligu minnhom assunt, u b'hekk tell-

fu lill-attur il-profitti lilu dovuti; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenuti jiġu minn dina l-Onorabbli Qorti dikjarati li huma responsabili tat-telf ta' profitti ta' l-attur rigward ix-xiri fuq imsemmi; liema danni għandhom jiġu likwidati f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju 1946;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li fis-7 ta' Novembru 1945 il-konvenuti ordnaw għand l-attur l-importazzjoni ta' 500 kaxxa ġnibru. Kienu riedu jordnaw iżjed; iżda liċenza ġiet maħruġa għal 500 kaxxa biss. Sar il-patt li l-merkanzija kellha tiġi mill-aktar fis, u li l-konvenuti jiftħu kreditu konfermat u irrevokabili fil-Canada. Il-prezz kellu jkun dak li jiġi ffissat mill-Food and Commerce Control Officer. Il-konvenuti fetħu kreditu validu sat-22 ta' Jannar ta' wara, u ġeddewh sat-30 ta' April 1946. Iżda l-merkanzija ddawret, u l-konvenuti ma riedux jistennew iżjed. Mill-ittra li fit-22 ta' Frar 1946 l-attur bagħat lid-ditta esportatriċi jirriżulta li l-attur issolleċita lil dik id-ditta biex tfittex tibgħat il-merkanzija, għax il-konvenuti ma kienux fi ħsiebhom ierġgħu jġeddu l-kreditu. Id-ditta wegħdet l-ispedizzjoni għal ħabta ta' nofs Mejju, u l-attur offra lill-konvenuti li jagħtihom mitejn (200) kaxxa ġnibru akkont. Dana l-akkont ma ġiex aċċettat, u bi protest tad-9 ta' Mejju, li ġie notifikat fit-13 ta' dak ix-xahar, il-konvenuti ikkostitwew lill-attur "in mora", u intimawlu li jikkunsidraw ruħhom maħlulin min-negozju in kwistjoni kemm il-darba l-attur sa l-għada ma jurihomx telegrammi jew dokumenti oħra li jikkonfermaw li l-merkanzija kienet diġà tgħabbiet fuq il-vapur. U l-attur ma kienx fi grad li jurihom dokumenti ta' dak il-ġeneru;

Il-Qorti tosserva li l-klawsola "as soon as possible", anki biż-żieda tal-klawsola l-oħra "subject to any contingency beyond control of sellers", ma tfisserx li l-konvenuti kienu marbutin indefinitivament għal kwalunkwe żmien, twil kemm hu twil; iżda kienet timporta l-fissazzjoni ta' dak it-terminu li kien ikun sufficjenti u raġjonevoli, biex skond iċ-ċirkustanzi l-attur u d-ditta li kellha tibgħat il-merkanzija jkunu jistgħu jadempixxu l-obbligazzjoni li kkuntrattaw mal-konvenuti.

Iżda peress li dak it-terminu ma jkunx preċiżat, teħtieġ dejjem il-kostituzzjoni regolari tad-debitur ta' l-obligazzjoni "in mora" per mezz ta' att ġudizzjarju (art. 1173 §2 Kodiċi Ċivili). Protesti bil-fomm jew b'ittra privata mhumiex biżżejjed għall-finijiet tal-liġi. Fil-każ preżenti l-protest ma wasalx għand l-attur qabel it-13 ta' Mejju 1946. Il-Qorti għalhekk għandha tara jekk l-attur kellux żmien biżżejjed biex jadempixxi l-obligazzjoni, u jekk il-konvenuti kienux ġustifikati li jaqtgħu barra għal kollox kif għamlu;

Il-Qorti tosserva li dak iż-żmien fid-dinja kien hemm bosta diffikultajiet ta' trasport u tal-mezzi tal-produzzjoni; kif hu notorju. Evidentement il-ġnibru kien jonqsu biss li jiġi imbottiljat, u l-attur kien ġà offra l-konsenja ta' 200 kaxxa ġnibru akkont, u l-konvenuti rrifjutawhom. Intant, fil-25 ta' dak ix-xahar, kif jirriżulta mid-dokument eżibit, l-attur irċieva telegramm li l-merkanzija kienet lesta għall-karikazzjoni, u ma kienx jonqos ħlief il-kreditu, li allura kien ġie rtirat. Dawna ċ-ċirkustanzi, fil-fehma tal-Qorti, juru l-bona fidi u d-dispożizzjoni tajba ta' l-attur u l-prinċipali tiegħu fin-negozju in kwistjoni. U peress li preċedentement idditta kienet weġħdet l-ispedizzjoni għal nofs Mejju, u minn nofs Mejju sal-25 tax-xahar ftit żmien kien għadda, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti kellhom jistennew ftit ieħor; għax huwa notorju li dak iż-żmien il-merkanziji kollha kienu jiddawru ma jiġu, u għalhekk il-konvenuti messhom taw lill-attur żmien iżjed. Barra minn dan, il-konvenuti ma wrewx li setgħu kellhom preġudizzju serju li kieku stennew ftit ġimgħat oħra; u għalhekk ma kienux ġustifikati jinħallu mill-obligazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba limitatament għal ħames mitt (500) kaxxa; iżda peress li l-attur jippretenda li l-ordinazzjoni effettiva kienet għal elfejn (2,000) kaxxa, u mhux għal ħames mija (500) biss kif ġie permess mill-Food and Commerce Control Officer, hemm lok li l-ispejjeż jiġu moderati; u għalhekk il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur.